



Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

SCO/001
Proposta għal Regolament
tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill dwar l-inizjattiva
taċ-ċittadini

Brussell, 8 ta' Lulju 2010

ABBOZZ TA' OPINJONI RIVEDUT

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-
ċittadini

COM(2010) 119 finali – 2010/0074 (COD)

Relatur generali: **is-Sinjura Anne-Marie Sigmund**

Nhar is-27 ta' April 2010 u nhar id-19 ta' Mejju 2010 rispettivament, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 304(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew, li jitolbu lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iħejji opinjoni dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini
COM(2010) 119 finali – 2010/0074 (COD)

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, matul il- ... sessjoni plenarja tiegħu li saret ... u ... (seduta ta' ...), li jaħtar lis-Sinjura Anne-Marie Sigmund¹ bħala relatur ġenerali, u adotta din l-opinjoni b'... voti favur, ... voti kontra u ... astensjonijiet.

*

* *

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

- 1.1 Il-Kumitat jilqa' l-prinċipji fundamentali tal-Proposta tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-approċċ fi tliet stadji: ir-reġistrazzjoni formali, il-kontroll tal-ammissibbiltà tal-kontenut u l-valutazzjoni politika.
- 1.2 Il-Kumitat jara r-rwol tiegħu f'żewġ fażijiet: l-ewwel nett, bħala "faċilitatur" għall-inizjattivi taċ-ċittadini li jkunu se jingħataw bidu biex jippermetti li dawn jibnu netwerk bejniethom, eventwalment jiltaqgħu, eċċ., u t-tieni nett bħala għajnuna istituzzjonali, billi jappoġġja l-valutazzjoni mill-Kummissjoni ta' inizjattiva li tirnexxi permezz ta' tħejjija ta' opinjoni, l-organizzazzjoni ta' seduti, eċċ. Barra minn dan, il-Kumitat ser jipparteċipa wkoll fil-kampanji ta' informazzjoni.
- 1.3 Madankollu, il-Kumitat jipproponi, fost affarijiet oħra, li jittejbu l-aspetti li ġejjin:
 - għandha ssir referenza ċara anke għall-valuri tal-Unjoni bħala raġuni għaliex tiġi rifjutata reġistrazzjoni;
 - għandhom jitneħħew id-diversi numri ta' identifikazzjoni meta tiġi ffirmata inizjattiva;
 - għandha ssir referenza għall-post fejn jgħixu l-persuni li jappoġġjaw l-inizjattiva bħala prinċipju għall-klassifikazzjoni tagħhom;
 - it-tul ta' żmien għandu jitwal għal 18-il xahar;
 - għandu jiġi żviluppat open source software għall-ġbir onlajn;
 - in-numru minimu ta' Stati Membri għandu jitnaqqas għal ¼;

¹ Soġġetta għall-approvazzjoni tal-Plenarja.

- il-kworum għall-kontroll tal-ammissibbiltà għandu jitnaqqas għal 50 000 firmatarju;
- ir-regolament għandu jiġi rivedut wara tliet snin;
- għandha titwaqqaf kooperazzjoni interistituzzjonali.

2. Introduzzjoni

- 2.1 Il-Kumitat jilqa' l-prinċipji fundamentali tal-Proposta għal Regolament tal-Kummissjoni dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Din l-opinjoni tikkomplementa l-opinjoni adottata nhar is-17 ta' Marzu 2010 dwar "L-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona: id-demokrazija parteċipattiva u l-inizjattiva taċ-ċittadini (Artikolu 11)"² u tindirizza biss daww il-punti li l-Kumitat jikkunsidra li għad jistgħu jittejjbu.
- 2.2 Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni b'mod speċjali għall-oġettiv tal-Konvenzjoni Ewropea, li fil-kuntest tal-"ħajja demokratika tal-Unjoni" riedet toħloq strument li permezz tiegħu ċ-ċittadini jkunu jistgħu jinfluwenzaw id-definizzjoni tal-aġenda politika b'mod ugwali għall-Parlament u l-Kunsill.

3. Bidliet mixtieqa fil-Proposta għal Regolament

3.1 Reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta (Artikolu 4)

3.1.1 Approċċ fi tliet stadji

Il-Kumitat jilqa' b'mod ċar l-approċċ fi tliet stadji propost mill-Kummissjoni

- reġistrazzjoni formali ta' inizjattiva,
- kontroll legali tal-ammissibbiltà wara li jintlaħaq il-kworum, kif ukoll
- valutazzjoni politika ta' inizjattiva li tinneksi.

Ma jidherx li jagħmel sens li, kif ġie propost minn naħat differenti, il-kontroll tal-ammissibbiltà jsir mar-reġistrazzjoni ta' proposta għaliex b'hekk jittardja u jixxekkel il-bidu ta' ċerti proposti. B'dan il-mod ukoll, il-Kummissjoni ma tkunx tista' tiġi akkużata li għamlet valutazzjoni *ex-ante* jew, saħansitra, li qed tuża ċ-ċensura.

F'dan il-kuntest, il-Kumitat jenfasizza li l-inizjattiva taċ-ċittadini mhix biss element innovattiv, trans-Ewropew u demokratiku dirett, iżda tirrappreżenta wkoll mezz essenzjali ħafna ta' komunikazzjoni biex jiġi mħeġġeġ id-dibattitu politiku Ewropew. B'hekk biss ikun possibbli li fid-diskors Ewropew jiddaħħlu proposti u ideat mill-aktar varjati, li mingħajr din l-inizjattiva qatt ma kienu ser jilhqqu l-istadju tal-ġbir tal-firem, u dan fih innifsu diġà huwa ta' valur.

3.1.2 Preżentazzjoni tal-informazzjoni

² CESE 465/2010 – għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Il-Kumitat jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata (Anness II). Dan huwa fl-interess li jkun hemm l-akbar trasparenza possibbli u b'hekk li tiġi aċċettata l-inizjattiva proposta. Però, id-deċiżjoni dwar jekk tissemmiex jew le l-bażi legali għandha titħalla f'idejn l-organizzaturi, u m'għandhiex tintalab bilfors.

3.1.3 **Reġistrazzjoni formali**

Il-Kumitat jikkunsidra li l-kriterji indikati fl-abbozz (“mhux adatti”, “abbużivi”, “neqsin mis-serjeta”) bħala raġunijiet għaliex tiġi rifjutata reġistrazzjoni m'għandhomx saħħa eżekuttiva fil-qrati. Barra minn hekk, dawn il-kunċetti jħallu flessibilità kbira wisq fl-interpretazzjoni tagħhom.

Għaldaqstant, il-Kumitat jissuġġerixxi li fir-reġistrazzjoni formali jiġi ċċekkjat b'mod amministrattiv biss

- jekk il-proposta għal inizjattiva tirrispettax l-“unità tal-kwistjoni”, jiġifieri ma tipprovax iddaħħal diversi kwistjonijiet differenti fi proposta waħda;
- li ma jkun fiha xejn li jinfama persuni individwali jew gruppi ta' persuni;
- li ma tiksirx il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-valuri tal-Unjoni (Artikolu 2 TUE).

3.1.4 **Appell**

Naturalment, b'mod ġenerali għandu jitħares id-dritt taċ-ċittadini għal amministrazzjoni tajba (Artikolu 41, Karta tad-Drittijiet Fundamentali). Meta tiġi rifjutata reġistrazzjoni, l-organizzaturi jistgħu, b'rabta ma' dan, jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew, kif ukoll naturalment, bħala l-aħħar mezz, jappellaw. Il-Kumitat jemmen li dan għandu jiġi ċċarat għall-inqas fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni sabiex ir-Regolament ikun aktar trasparenti.

3.1.5 **Kontroll tas-sussidjarjeta**

Il-Kumitat jemmen li r-rabta mal-prinċipju tas-sussidjarjeta, li ġiet promossa minn bnadi differenti, hija żejda. Ikun xi jkun il-każ, il-kontroll ser isir mill-Kummissjoni jekk din tiddeċiedi li tressaq proposta legali fuq il-bażi ta' inizjattiva taċ-ċittadini.

3.2 **Ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ (Artikolu 5)**

3.2.1 **Numri ta' identifikazzjoni**

Fil-fehma tal-Kumitat, fil-formola proposta (Anness III) tintalab wisq informazzjoni personali, u b'hekk ikun ħafna aktar diffiċli li ċ-ċittadini jkunu lesti jiffirmaw. Għalhekk il-Kumitat huwa kontra li jintalbu dawn in-numri ta' identifikazzjoni. Huwa improbabli li n-nies li jkunu għaddejjin mit-triq u jkunu konvinti minn kwistjoni, joħorġu l-passaport mill-but jew inkella jkollhom numru ta' identifikazzjoni f'rashom. Il-Kumitat jagħmel referenza wkoll

għall-opinjoni negattiva tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data³ rigward din il-kwistjoni.

Billi mhux l-Istati Membri kollha jirrikjedu jew jużaw dawn in-numri ta' identifikazzjoni u billi fi Stati Membri differenti jintalbu dokumenti differenti⁴, dan se jiftaħ it-triq biex jibdwu jintalbu dettalji differenti u b'hekk ma jiġux applikati l-istess kundizzjonijiet għall-ġbir tal-firem. Il-prinċipju tat-trattament ugwali taċ-ċittadini Ewropej b'hekk ma jiġix irrispettat. L-għan għandu jkun li jkun hemm proċedura uniformi.

Għalhekk, fil-fehma tal-Kumitat huwa biżżejjed li jintalbu d-dettalji meħtieġa għall-kontroll tal-identifikazzjoni, jiġifieri l-isem, l-indirizz, id-data tat-twelid u ċ-ċittadinanza. Flimkien ma' dan issir stqarrija fuq l-unur li l-inizjattiva ġiet iffirmata darba biss.

3.2.2 Prinċipju tar-residenza

B'mod ġenerali, iċ-ċittadini tal-UE għandhom jingħaddu b'konformità mal-prinċipju tar-residenza, fil-pajjiżi fejn huma jgħixu, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom. Iċ-ċittadini tal-UE bir-residenza f'pajjiż terz jiġu kklassifikati skont in-nazzjonalità tagħhom.

3.2.3 Tul ta' żmien

Fil-fehma tal-Kumitat, it-tul ta' żmien ta' 12-il xahar mitlub mill-Kummissjoni huwa qasir wisq sabiex titlesta b'suċċess inizjattiva pan-Ewropea. Għalhekk, isostni li t-tul ta' żmien għandu jkun ta' 12-il xahar.

3.3 Sistemi ta' ġbir onlajn (Artikolu 6)

Il-KESE jilqa' biċ-ċar il-possibbiltà prevista tal-ġbir onlajn, u jaqbel mal-Kummissjoni li l-iżgurar ta' din il-possibbiltà jeħtieġ thejjiġiet bl-akbar reqqa. Billi madwar id-dinja għad ma teżisti l-ebda sistema komparabbli għall-ġbir tal-firem fil-proċessi tal-inizjattiva (għall-kuntrarju tal-petizzjonijiet tal-massa li mhumiex legalment vinkolanti), fil-fehma tal-Kumitat għandhom jiġu eżaminati l-aspetti li ġejjin:

- Il-Kummissjoni trid tippromovi l-iżvilupp ta' open source software għall-inizjattivi onlajn u tagħmlu disponibbli b'mod ġenerali.
- L-organizzaturi tal-inizjattiva għandhom jiċċertifikaw dan is-software fl-Istat Membru fejn tkun qed tinħażen id-data miġbura bil-għajjnuna tas-sistema ta' ġbir onlajn.
- Għandu jsir kontroll effiċjenti wkoll permezz ta' elementi ta' identifikazzjoni elettronika oħrajn, bħal pereżempju l-ittra elettronika ta' verifika.

³ Opinjoni tal-21 ta' April 2010 dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (Sors: <http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/>).

⁴ Approċċ ġenerali għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (10626/2/10 REV 2).

- Il-firmatarju jkun jista' jikkonferma li ffirmar darba biss permezz ta' kaxxa li wieħed ikun jista' jikklikkja fiha.

3.4 **Numru minimu ta' firmatarji għal kull Stat Membru (Artikolu 7)**

3.4.1 **Numru ta' Stati Membri**

Il-KESE jsostni l-proposta tiegħu ta' ¼ tal-Istati Membri. B'hekk jiġi applikat l-istess prinċipju li jitqies fit-twaqqif ta' partiti Ewropej⁵ sabiex il-Parlament u ċ-ċittadinanza jinżammu f'livell ekwivalenti. Ma jistax ikun li f'inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ikun hemm ostakli akbar milli fir-reġistrazzjoni ta' partiti Ewropej.

3.4.2 **Numru ta' firmatarji għal kull Stat Membru**

Il-Kumitat jilqa' biċ-ċar is-sistema proposta ta' numru minimu ta' firmatarji (Anness I) u l-approċċ tal-proporzjonalità digressiva tagħha. B'konformità mal-prinċipju tar-residenza (ara punt 3.2.2), il-persuni b'ċittadinanza doppja jew iċ-ċittadini tal-UE li jgħixu fi Stat Membru ieħor għandhom jingħaddu fil-pajjiż li jiddikjaraw li jgħixu fih. Fil-prattika l-każi li jista' jkun hemm ta' firem doppji jistgħu jiġu limitati ħafna, u b'hekk l-istrument kollu ma jiġix iddubitat.

3.5 **Deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta (Artikolu 8)**

3.5.1 **Numru ta' firem meħtieġa**

Il-Kumitat jappoġġja l-approċċ fi tliet stadji tal-Kummissjoni. Madankollu, in-numru propost mill-Kummissjoni ta' 300 000 firma għall-kontroll tal-ammissibbiltà huwa kbir wisq. Dan jirrappreżenta sforz konsiderevoli għall-organizzaturi. Il-frustrazzjoni tkun kbira ferm għall-firmatarji jekk isiru jafu li l-inizjattiva mhijiex ammissibbli.

Il-kontroll tal-ammissibbiltà għandu jsir wara li jintlaħqu l-50 000 firma minn tliet Stati Membri (mingħajr verifika) u għandu jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn. Matul dan il-perijodu, l-organizzaturi jistgħu jkomplu jiġbru l-firem.

3.6 **Dispożizzjonijiet għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-Istati Membri (Artikolu 9)**

Il-Kumitat jappoġġja l-ammissibbiltà tal-kampjuni aleatorji fil-valutazzjoni.

3.7 **Sottomissjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni (Artikolu 10)**

⁵

Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropej u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 01, Volum 04, p. 500-503).

Bil-għan li jkun hemm l-akbar trasparenza possibbli, kull firmatarju għandu jkun jista' jinforma ruħu dwar min huwa responsabbli għall-organizzazzjoni u l-finanzjament tal-inizjattiva. Għalhekk, il-Kumitat itenni t-talba tiegħu li meta jippreżenta l-firem, l-organizzatur jagħti wkoll l-informazzjoni dwar il-forom ta' finanzjament u appoġġ tal-inizjattiva taċ-ċittadini inkwistjoni.

3.8 Proċedura ta' eżaminazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini mill-Kummissjoni (Artikolu 11)

3.8.1 Proċedura bħal dik għall-inizjattivi tal-Parlament jew tal-Kunsill

Il-Kumitat jitlob li l-inizjattivi taċ-ċittadini jiġu ttrattati bl-istess mod mill-Kummissjoni bħall-inizjattivi proposti mill-Parlament jew mill-Kunsill skont l-Artikoli 225 u 241 tat-TFUE rispettivament. Għalhekk għandu jkollhom l-istess valur.

3.8.2 Dritt għal seduti pubbliċi

Billi l-inizjattiva taċ-ċittadini tal-UE hija wkoll mezz ta' komunikazzjoni, li għandu jippromovi d-djalogu bejn iċ-ċittadini u l-Kummissjoni tal-UE, wara li tiġi ppreżentata inizjattiva taċ-ċittadini li tirnexxi għandha tiġi organizzata seduta pubblika. Il-KESE huwa lest li jgħin f'dan ir-rigward u/jew li jorganizza tali seduta; b'hekk ikun qed jassumi r-rwol tiegħu ta' pont bejn l-UE u ċ-ċittadini.

3.8.3 Informazzjoni tal-korpi konsultattivi

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar kif se tipproċedi għandha tiġi indirizzata wkoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

3.9 Klawsola ta' reviżjoni (Artikolu 21)

Minħabba n-nuqqas ta' esperjenza b'dan l-istrument transnazzjonali ġdid, il-Kumitat jirrakkomanda li dan ir-Regolament jiġi rivedut wara tliet snin. Hawnhekk, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kumitat ukoll.

3.10 Dħul fis-seħħ tar-Regolament (Artikolu 22)

Il-Kumitat jappoġġja ż-żmien propost mill-Kummissjoni għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, anke jekk pereżempju ma jkunux għadhom ġew stabbiliti d-dettalji kollha tal-ġbir ta' firem onlajn. L-istennijiet taċ-ċittadini rigward dan l-istrument il-ġdid huma tant għoljin li għandu jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

3.11 Kwistjonijiet miftuħa oħra

3.11.1 Appoġġ finanzjarju

Il-Kumitat itenni t-talba tiegħu li inizjattiva taċ-ċittadini li tkun qabżet il-50 000 firma biex tiġi aċċettata għall-kontroll amministrattiv, għandha tingħata ċertu appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni.

3.11.2 Traduzzjoni

Il-Kumitat huwa tal-fehma li malli tiġi reġistrata inizjattiva, is-sommarju qasir tal-kwistjoni (skont l-Anness II, dan b'kollox jammonta għal 800 karattru biss) għandu jiġi tradott mis-servizzi tal-Kummissjoni għal-lingwi uffiċjali kollha.

Wara li jinġabru l-ewwel 50 000 firma u l-inizjattiva tiġi aċċettata b'mod formali, il-Kummissjoni għandha tintrabat li tittraduċi t-test reġistrat kollu tal-inizjattiva għal-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

4. Proposti speċifiċi tal-KESE

Il-Kumitat jagħmel referenza għall-offerta li ressaq fl-opinjoni msemmija hawn fuq tas-17 ta' Marzu 2010, li hija ppreżentata b'mod aktar preċiż hawn taħt.

4.1 Komunikazzjoni u informazzjoni

Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa ta' kampanja ta' informazzjoni dettaljata hekk kif jidħol fis-seħħ ir-Regolament. F'dan ir-rigward, l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jaqblu u jaħdmu id f'id. Il-Kumitat diġà qed jaħdem fuq fuljett ta' informazzjoni, li ser jispjega u jfiehmem l-opportunitajiet il-ġodda ta' din l-inizjattiva liċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u li ser jindirizza wkoll il-konsultazzjoni u d-dibattitu ċivili. Barra minn hekk, il-Kumitat qed jippjana konferenza mal-partijiet ikkonċernati hekk kif ir-Regolament jiġi adottat. Jista' jkun hemm ukoll inizjattivi oħra li jkunu diretti, pereżempju, lejn l-iskejjel sabiex jiġu sensibilizzati l-ġenerazzjonijiet żgħażaġh.

4.2 Kooperazzjoni interistituzzjonali

Huwa importanti li l-persunal tal-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi tal-UE inkarigat mill-inizjattiva taċ-ċittadini jiftiehem u jikkoordina ruħu sewwa, sabiex jissodisfa l-bżonnijiet ta' informazzjoni taċ-ċittadini b'mod effiċjenti. Dan l-effett ta' sinerġija, fir-rispett tal-kompetenzi rispettivi, fil-fatt huwa meħtieġ jekk wieħed irid li l-inizjattiva taċ-ċittadini tkun strument effettiv għas-servizz tal-mudell Ewropew ta' demokrazija moderna.

4.3 Parteċipazzjoni tal-Kumitat

Il-Kumitat jara r-rwol tiegħu f'żewġ fażijiet differenti:

4.3.1 L-ewwel fażi: il-Kumitat bħala "faċilitatur"

Bħala tħejjija jew matul inizjattiva attwali, il-Kumitat huwa lest li, bħala pjattaforma għad-djalogu u l-informazzjoni, jaqdi rwol ta' "faċilitatur" li jippermetti li l-inizjattivi taċ-ċittadini jibnu netwerk bejniethom, eventwalment jiltaqgħu, eċċ., mingħajr ma dan jaffettwa l-fehma tal-Kumitat fir-rigward tal-kontenut tal-inizjattivi.

4.3.2 **It-tieni fażi: il-Kumitat bhala għajnuna istituzzjonali**

Fid-dawl tal-funzjoni ewlenija tiegħu – korp konsultattiv għall-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill – il-Kumitat f'din il-fażi jista' jservi ta' għajnuna istituzzjonali għal inizjattiva taċ-ċittadini. Għalhekk joffri li jappoġġja lill-Kummissjoni rigward il-konsultazzjonijiet interni u d-definizzjoni tal-pożizzjoni tagħha dwar inizjattiva li tirnexxi billi jħejji opinjoni. Huwa wkoll lest li joffri li tintuża l-infrastruttura tiegħu għall-organizzazzjoni ta' seduti dwar l-inizjattivi li jirnexxu.

4.3.3 **Tisħiħ tal-istrutturi disponibbli**

Jista' jagħti l-każ li dawn l-offerti u dawk tal-opinjoni tas-17 ta' Marzu 2010 jkunu jeħtieġu li jissaħħu l-istrutturi disponibbli fil-Kumitat, u b'hekk jista' jkun hemm bżonn ukoll ta' riżorsi oħra sabiex ikun hemm reazzjoni adegwata.

Brussell,

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Mario Sepi
